MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tad-19 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 676/2009

**Raymond Fenech (karta ta' l-identita' numru 67555(G)) fil-kwalita' tieghu ta' prokuratur tal-imsefrin Josephine Parnis u Antoinette Fenech.**

**vs**

**Mary Jane Debattista (karta ta' l-identita' numru 438551 (M)) u zewgha Anthony Debattista (karta ta' l-identita' numru 193147 (M)) ghal kwalunkwe interess li jista' jkollu u b'digriet tal-11 ta' Novembru 2011, Kevin, Lorraine, Alan u Anthony ahwa Debattista assumew l-atti minflok missierhom Anthony Debattista li miet fil-mori tal-kawza.**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ppremetta :-

Illi huwa propjetarju tal-fond bin-numru 76, “St. Gregory House”, Triq Misrah il-Barrieri, Msida.

Illi dan il-fond gie rekwizizzjonat mis-Segretarju tad-Djar f’Marzu 1987 (RO 50170) u fil-25 ta’ Novembru 1987, dan il-fond kien gie allokat bhala “akkomodazzjoni addizjonali” lill-konvenuta Mary Jane Debattista (Dok. “A”) peress illi hija u l-konvenut l-iehor, zewgha Anthony Debattista jokkupaw il-fond kontigwu maghruf bhala l-“White Arrow Bar” u dan versu l-“kera” annwa ta’ disghin lira (Lm 90) pari ghal mitejn u disa’ euro u 64 centezmu (€209.64).

Illi l-attur nomine qatt ma rrikonoxxa dina l-allokazzjoni stante illi ma saritx ghal raguni validi fil-ligi u ghalhekk, qatt ma’ accetta kwalunkwe hlas illi l-konvenuti Debattista wettqu. Illi del resto, il-“kera” illi giet iffissata unilateralment mis-Segretarju tad-Djar kienet irrizorja tenut kont il-lokal tal-fond in kwistjoni u saret aktar u aktar irrizorja peress illi qatt ma’ nbidlet fl-ghoxrin sena successiva, meta l-valur tal-propjeta` mmobbli f’dawn il-gzejjer ghola konsiderevolment.

Illi recentement fis-27 ta’ Ottubru 2008, ic-Chairman tal-Awtorita` tad-Djar hassar l-ordni ta’ rekwizizzjoni (Dok. “B”) wara illi kkonstata illi l-fond de quo ma kienx qed jintuza ghal skop ta’ akkomodazzjoni.

Illi wara din id-derekwizizzjoni, id-Dipartiment tal-Akkomodazzjoni Socjali nsista illi ghandu jghaddi lill-attur nomine l-hlasijiet kollha li kien ircieva minghand il-konvenuti ghall-fond de quo matul is-snin u baghat cekk ta’ erbat elef erba mija u tnejn euro u 45 centezmu (€4,402.45) lill-attur nomine, liema cekk, l-attur nomine ddepozita fil-hmistax (15) ta’ Jannar tas-sena elfejn u disgha (2009) permezz ta’ cedola numru mija u tnejn u erbghin tas-sena kurrenti (142/09) (Dok. “C”) taht l-awtorita’ ta’ dina l-Onorabbli Qorti sabiex bl-ebda mod ma jkun irrikonoxxa kwalunkwe pretensjoni ta’ titlu da parti tal-konvenuti fuq il-fond de quo.

Illi ghalhekk il-konvenuti illum m'ghandhom l-ebda titlu sabiex ikomplu jokkupaw il-fond imsemmi u konsegwentament, m'ghandhom l-ebda dritt illi jirrifjutaw illi jirritornaw il-pussess tal-fond imsemmi.

Illi ghalkemm gew debitament interpellati, l-konvenuti Anthony u Mary Jane konjugi Debattista qed jirrifjutaw illi jirritornaw il-pussess tal-fond imsemmi lill-esponenti nomine.

Illi l-attur nomine qed jikkonferma kontestwalment fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu illi fil-fehma tieghu, il-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu ghat-talbiet tieghu.

Ghalhekk l-attur nomine qed jitlob li l-konvenuti jigu kkundannati, prevja li jigi ddikjarat li l-konvenuti qed jirritjenu l-fond in kwistjoni minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi, li jizgumbraw il-fond bin-numru 76, “St. Gregory House”, Triq Misrah il-Barrieri, Msida u dan fi zmien perentorju li jigi prefiss lilhom, u li jirritornaw ic-cwievet ta' l-istess fond lill-attur nomine.

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra interpellatorja tas-7 ta' Novembru 2008 u tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Jannar 2009.

B'riserva ghad-danni kollha rizultanti mill-okkupazzjoni abbusiva tal-fond de quo da parti tal-konvenuti sad-data effettiva tal-izgumbrament minnu kif ukoll ghal kwalunkwe deterjorament fl-istat tal-fond imsemmi u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine, debitament konfermata bil-gurament.

Rat ir-risposta tal-konvenuti konjugi Debattista fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talba hekk kif dedotta m'hix guridikament proponibbli billi m'hemm l-ebda talba li l-konvenut qed jiddetjenu l-imsemmi fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi u ghalhekk ma jista' jkun hemm qatt zgumbrament.

2. Illi m'huwiex minnu illi l-fond de quo qatt intuza ghal skop iehor minn dak ta' akkomodazzjoni.
3. Illi fil-mertu, il-konvenuti ghandhom lokazzjoni protetta a fini u effetti kollha tal-ligi liema lokazzjoni torbot lill-atturi.

Rat l-affidavit tal-attur nomine.

Semghat lil-konvenuti Mary Jane Debattista u Kevin Debattista.

Semghat it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

Rat l-atti l-ohgra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawa giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat

Mill-provi prodotti, inkluz mill-affidavit tal-attur nomine, t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement ippruvati. Difatti jirrizulta li l-konvenuti m'ghandhomx titolu validu biex jokkupaw il-fond in kwstjoni. Kwindi it-talbiet kollha tal-attur nomine jimmeritaw li jigu akkolti u fl-istess hin l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ghandhom jigu rigettati.

Ghal dawn ir-ragunijiet:-

Tiddecciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet tal-attur nomine u tiddikjara lil-konvenuti qed jiddetjenu l-fond in kwstjoni minnghajr ebda titolu validu u ghalhekk tikkundanna l-konvenuti  li jizgumbraw mill-istess fond cioe' 76, "St. Gregory House", Triq Misrah il-Barrieri, Msida u dan fi zmien xahar millum u tikkundanna lill-istess konvenuti li jirritornaw ic-cwievet kollha tal-istess fond lill-attur nomine u dan ukoll fi zmien xahar millum.

Spejjez kollha kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------